**10 ta' Diċembru, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

L-Avukat Dottor Richard Camilleri *pro. et noe.*

*versus*

Avukat Dottor Victor Ragonesi *noe.*

**Titolu Esekuttiv – Esekuzzjoni ta' Sentenza – Ritrattazzjoni – Rikuża ta' Ġudikanti li pronunzjaw Sentenza biex jastjenu milli jisimgħu Talba għas-Sospensjoni ta' Esekuzzjoni tas-Sentenza minnhom mogħtija – Irritwalità ta' Azzjoni.**

*L-Atturi kienu ottjenew ġudikat ieħor kontra l-konvenut li tiegħu talbu ritrattazzjoni. Fil-kawża preżenti l-atturi talbu lill-Qorti tordna t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza li dwarha kienu saru atti ta' ritrattazzjoni mill-istess atturi.*

*Il-Qorti ta' l-Appell iriteniet li l-Qorti kif komposta li tat is-sentenza hija fl-aħjar posizzjoni li tiddeċidi dwar talba għal sospensjoni ta' esekuzzjoni tas-sentenza. In kwantu l-esekuzzjoni tas-sentenza tispetta unikament lill-kreditur attur, it-talba tagħhom kienet impronibbli u għalhekk irritwali.*

Il-Qorti:- Ikkunsidrat:

L-atturi pproponew petizzjoni quddiem din il-Qorti biex tiġi ritrattata l-kawża deċiża fit-13 ta' Mejju 1991 fl-ismijiet Anthony Camilleri et. vs Avukat dottor Victor Ragonesi *et noe.* li kienet ikkundannat lill-konvenuti biex iħallsu s-somma ta' elf lira (Lm1,000).

Issa qegħdin – l-istess atturi jipproponu din iċ-ċitazzjoni, u wara l-kawżali msemmija fil-paragrafu preċedenti, ikomplu hekk:

"Peress li l-atturi qed jagħtu garanzija tajba kif rikjesta fl-artikolu 823(2) (a) tal-Kap. 12 għall-esekuzzjoni tas-sentenza jekk din ma tiġix imħassra – dokument A; u,

Peress illi l-esekuzzjoni tas-sentenza kif deċiża tikkaġuna preġudizzju akbar lill-atturi milli lill-konvenut nomine jekk issir it-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tagħha fit-termini ta' l-artikolu 823(2) (a) tal-Kap. 12;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti

m'għandhiex, in vista tal-premess:

"Tordna t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fit-13 ta' Mejju 1991 fil-kawża fl-ismijiet Anthony J. Camilleri et vs Avukat dottor Victor Ragonesi pendenti l-eżitu finali tal-kawża ta' ritrattazzjoni;"

Il-konvenut eċċepixxa illi:

(a) id-domanda attriċi hija insostenibbli fid-dritt u fil-fatt għaliex l-esekuzzjoni tas-sentenza trid semmai ssir mill-atturi stess;

(b) ma jeżistux il-kundizzjonijiet li ġuridikament jistgħu jagħtu lok għall-azzjoni attriċi kif promossa;

Iċ-ċitazzjoni ġiet preżentata fid-9 ta' Awissu 1991, appuntata għas-seduta ta' l-20 ta' Awissu 1991, u l-eċċezzjonijiet preżentati fid-19 ta' Awissu 1991.

*Omissis;*

Fid-29 ta' Novembru 1991 l-atturi ppreżentaw rikors u qalu:

"Illi in vista tas-sentenza ta' l-10 ta' Ottubru 1991 tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "Frank Cachia vs Onorevoli Prim Ministru *et* " l-esponenti umilment jirrilevaw huwiex il-każ ta' astensjoni jew rikusazzjoni ta' dina l-Qorti kif komposta (Artikolu 734(d) (ii) tal-Kap. 12) konformement u konsistentement mad-deċiżjoni hawn ċitata";

L-eċċezzjoni ta' rikuża tat-tliet imħallfin li jikkomponu din il-Qorti billi huma kienu l-istess tlett imħallfin li ddeċidew il-kawża tat-13 ta' Mejju 1991 fl-ismijiet Anthony Camilleri *et* vs Avukat Dottor Victor Ragonesi *et noe*. m'hiex attendibbli. Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali msemmija, ddeċidiet illi **meta kawża ta' ritrattazzjoni tkun ibbażata fuq il-motiv illi s-sentenza fil-kawża li tagħha tintalab ritrattazzjoni tkun applikat il-liġi ħażin (Art. 811 (e) ), allura l-imħallef jew l-imħallfin li jkunu ppronunzjaw dik is-sentenza m'għandhomx joqgħodu fil-kawża ta' ritrattazzjoni;**

Il-kawża preżenti mhix kawża għar-ritrattazzjoni, u għalhekk ir-raġunijiet tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali b'ebda mod ma huma applikabbli għall-preżenti azzjoni. Il-kawża tal-lum hija waħda għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza;

Irrispettivament però, mill-irrilevanza ta' dak li ġie deċiż fl-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-imħallef jew l-imħallfin li jkunu ppronunzjaw is-sentenza fil-kawża li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni – huma dawk li, mill-punti di vista ġuridiku u prattiku, huma fl-aħjar posizzjoni – biex jieħdu konjizzjoni u jiddeċidu talba **għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni** tas-sentenza li jkunu ppronunzjaw huma stess, inkwantu, dak li jridu jqisu għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, huma fatturi ġodda li ma jkunux ippronunzjaw ruħhom fuqhom – u fl-istess ħin ikunu konsapevoli tal-fatti kollha li jkunu taw lok għas-sentenza li s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tagħha tkun qed tintalab;

Għalhekk l-imħallfin sedenti ma jsibu ebda raġuni biex

jilqgħu l-eċċezzjoni tar-rikuża tagħhom;

Ikkunsidrat il-mertu tal-kawża, l-eċċezzjonijiet u n-noti ta' osservazzjonijiet – il-Qorti tikkonfessa li ma tistax tifhem l-azzjoni li qed jeżerċitaw l-atturi;

L-Artikolu 823 wara li fis-sub-inċiż (1) jgħid:

"It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakata."

b'dan kollu jkompli hekk:

"(2) ... il-Qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista', ad istanza, b'ċitazzjoni, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza ...";

L-esekuzzjoni ta' sentenza tispetta lill-kreditur. Huwa l-kreditur li bis-saħħa tas-sentenza jakkwista titolu esekuttiv;

"Huma titoli esekuttivi:

(a) is-sentenzi u d-digrieti tal-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta, kif jgħid l-artikolu 253, Kap. 12;

Din il-kawża qegħda ssir minn atturi li għandhom titolu esekuttiv kontra l-konvenut, u dan it-titolu – li huma jikkunsidraw insodisfaċenti – qiegħed f'idejhom u huma, u huma biss, jiddeċidu jekk iridux jesegwuh jew le. L-esekuzzjoni huwa dritt ta' l-atturi, u bħal kull dritt ieħor, lil min jispetta dak id-dritt, jużah, jekk irid, u ebda sentenza ma **tobbliga** lil

xi persuna biex tuża d-dritt li għandha;

Għalhekk l-atturi f'din il-kawża li ngħataw dritt esekuttiv – fil-kawża li se tiġi ritrattata – (li huma jikkunsidraw insodifaċenti) m'huma b'ebda mod obbligati li jagħmlu użu minn dak id-dritt u jistgħu liberament, ma jagħmlu ebda użu mit-titolu esekuttiv li għandhom u ma jazzjonawhx u ma jesegwuhx;

B'danakollu – l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti biex tordna lilhom stess biex jieqfu u ma jesegwux is-sentenza li huma biss jistgħu jesegwixxu. Dan ġuridikament ma jagħmilx sens;

Wara d-dibattitu fil-kawża, l-atturi ppreżentaw nota ta' osservazzjonijiet – u ssottomettew li jidhrilhom li l-azzjoni tagħhom hija ġustifikata minħabba dawn ir-raġunijiet:

(a) "... fl-eventwalità li t-talba tagħhom għar-ritrattazzjoni tiġi milqugħa fl-ammont oriġinarjament mitlub, huma ma jsibux ruħhom fil-posizzjoni impossibli li jesegwixxu għad-differenza; effettivament jekk it-talba tagħhom għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tiġi miċħuda, tiġi frustrata u stultifikata l-proċedura tar-ritrattazzjoni anki jekk eventwalment hemm esitu favorevoli għall-atturi;"

Jekk it-talba oriġinali ta' l-atturi tiġi eventwalment milqugħa huma jkunu fil-posizzjoni li jesegwixxu dik is-sentenza għall-ammont kollu li jkun ammess f'dik is-sentenza. Jgħidu sewwa l-atturi li f'dan il-każ ikun impossibbli għalihom li jesegwixxu **għad-differenza** – għaliex huma qatt ma jistgħu jiġu awtorizzati jesegwixxu **xi differenza.** Illum l-atturi jistgħu (a) jesegwixxu s-sentenza li diġà għandhom – u b'hekk ikunu qed jaċċettaw

sentenza li, fl-istess waqt, qegħdin jattakkaw u għalhekk f'dan il-każ kollox jieqaf hemm; jew, (b) kif għamlu s'issa ma jesegwixxu xejn u jistennew l-eżitu tal-kawża li pproponew għar-ritrattazzjoni, u jekk din tkun posittiva, jesegwixxu dik is-sentenza għall-ammont indikat f'dik is-sentenza. Fiż-żewġ każijiet – dejjem, ikunu jistgħu jesegwixxu għall-ammont **intier** ta' xi wieħed mit-titoli esekuttivi li jkollhom, u mhux għad-differenza;

L-atturi ma jifhmux li l-esekuzzjoni ta' sentenza tispetta **biss** u unikament lill-kreditur – f'dan il-każ huma u huma biss – u meta jgħidu li d-debitur "jesegwixxi" s-sentenza billi jħallas l-ammont li ġie kkundannat iħallas – qegħdin jgħidu, jitkellmu, a spropożitu, għaliex pagament tad-debitur wara sentenza, mhix "l-esekuzzjoni" *fis-sens li din il-kelma hija wżata fil-Kodiċi ta'* Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili speċjalment fit-Titolu VII ta' l-ewwel Taqsima tat-Tieni Ktieb – li jgħid:

"Fuq l-esekuzzjoni tas-sentenzi u ta' Titoli Esekuttivi oħra".

Però anki jekk – għall-grazzja ta' l-argument – id-debitur – konvenut – "jesegwixxi" s-sentenza u jħallas l-ammont hemm imsemmi, sakemm l-atturi ma jaċċettawx dak il-pagament – kif jistgħu jiġu preġudikati jekk l-eżitu tar-ritrattazzjoni jkun favorevoli u *l-pagament li jkun għamel id-debitur jirriżulta li* huwa ħażin, billi jkun "esegwixxa" sentenza li tkun ġiet revokata? Kollox jiddependi mill-atturi u mill-atturi biss. Huma **biss** jistgħu jippreġudikaw il-posizzjoni tagħhom, jekk "jesegwixxu" it-titolu li għandhom, jew jakwijexxu għas-sentenza li fl-istess ħin qegħdin jattakkawha;

*Omissis;*

Qabel tagħlaq din is-sentenza l-Qorti tiġbed l-attenzjoni ta' l-atturi għall-fatt illuminanti tal-garanzija li huma pproduċew maċ-ċitazzjoni u li qegħda a fol.7 ta' l-inkartament;

Din il-garanzija għamluha għaliex, ladarba talbu s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, is-subinċiż (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 823 tal-Kap. 12 jobbligahom li jagħmluha;

Il-liġi obbligathom li jagħtu:

"garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra";

u b'hekk jiġi illi l-atturi qegħdin jiggarantixxu lilhom innifishom, biex jekk ma jirnexxilhomx fir-ritrattazzjoni, ikunu jistgħu jiġu sodisfatti skond l-ewwel sentenza, u jħallsu lilhom stess minn flushom, bis-saħħa tal-garanzija l-Lm1,000 li tagħhom huma kredituri;

L-assurdità ta' din l-awto-garanzija, messha, waħeda, kienet biżżejjed għall-atturi biex ma jipproponux din l-azzjoni li difatti hija improponibbli;

Għal dawn ir-raġunijiet l-azzjoni eżerċitata tirriżulta irritwali u nulla u hekk qed tiġi dikjarata;

Spejjeż għall-atturi.